**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 14 ta' Mejju 2024**

**Rikors Guramentat nru ; 149/2022 AGV**

SM

Vs

JM

**Il-Qorti;**

**Rat ir- Rikors ta' SB datat 20 ta' Frar 2024;**

Tesponi bir-rispett:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi giet istitwita mir-rikorrenti SM permezz tar-rikors guramentat bin-numru 149/2022, sabiex din l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

2. Illi nhar l-14 ta' Frar ta' din is-sena l-esponenti permezz ta' applikazzjoni mar-Registru Pubbliku talbet sabiex tirriverti ghal kunjom B, ossia kunjomha qabel ma zzewget, liema talba giet accettata kif jirrizulta fl-annessi immarkati 'RP1' u 'RP2'.

3. Illi malli l-esponenti jkollha d-dokumentazzjoni u c-certifikati relattivi f' idejha hija se tkun qed tipprezenta t-talba taghha peremezz ta' rikors sabiex dan il-bdil f'konjomha jigi rifless fl-atti tal-kawza.

4. Illi minghajr pregudizzju ghat-talbiet maghmula fl-imsemmi rikors guramentat, l-esponenti qieghda tintavola l-prezenti rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghti l-fakoltà lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, f'kull zmien matul is-smiegh ta' proceduri ghal-separazzjoni personali u fuq talba ta' wahda mill-partijiet, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess partijiet.

5. Illi l-esponenti ma tixtieqx tkun responsabbli ghal negozju gdid li ghandu kull dritt jidhol ghalih l-intimat Joffrey Mallia, inkluz ghal djun relatat mal-istess.

6. Illi l-esponenti tghid li m'hemm xejn li ghandu jwaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn l-istess partijiet skond l-imsemmi Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'

Malta u dan peress li hadd mill-partijiet m'hu ser ikun qed ibati pregudizzju mhux proporzjonat konsegwenza tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti *pendente lite*.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak premess, l-esponenti qieghda titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, salv kull provvediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun, joghgobha:

i. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum *in vigore* bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett mill-jum li din id-decizjoni tghaddi in gudikat;

ii. Tordna n-notifika tal-istess decizjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u li tali decizjoni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet saret b'att pubbliku;

iii. Tordna li dak kollu li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti sad-data tal-ordni ghall-waqfien skond talba numru 'i' ghandu jibqa' impregudikat sabiex jigi deciz, likwidat u assenjat minn din l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni finali taghha wara l-gbir tal-provi kollha rimanenti fil-proceduri principali ta' separazzjoni tal-partijiet hekk kif surreferiti.

**Bl-ispejjez.**

**Rat ir-risposta taì JM ghar-rikors tar-rikorrenti datat l-20 taì Frar 2024 u notifikat nhar l-14 taì Marzu 2024**

**Jesponi umilment:**

1. ILLI bìreferenza ghar-rikors intavolat mir-rikorrenti, l-esponent ma jopponix ghat-talba li r-rikorrenti tirriverti ghal kunjomha xebba, u cioe íBì;

2. ILLI bìreferenza ghal allegazzjoni li l-esponent ghandu xi negozzju gdid, dan huwa kontestat stante li dan ma jezistiex;

3. ILLI finalment l-esponent ma jikkontestax t-talba ghal waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet pero salv u impregudikat d-drittijiet tieghu naxxenti mill-kommunjoni tal-akkwisti gia prezenti bejn il-partiijet, l-krediti parafernali tieghu u bìmod generali kull:
    a. Dritt taì kreditu generat mill-esponent u pagabbli mir-rikorrenti;
    b. Obbligazzjoni kuntrattati mill-partijiet jew min minnhom fiz-zwieg;
    c. penali inkorsi mill-partijiet jew min minnhom fiz-zwieg;
    d. transazzjonijiet maghmula;
    e. azzjonijiet mehudha fil-konfront tal-partijiet jew min minnhom.

**GHALDAQSTANT, in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti ghandha:**

1. Tilqaì l-ewwel talba attrici;

2. Tilqaì t-tieni talba attrici;

3. Tilqaì t-tielet talba attrici u dan minghajr pregudizzju ghal kull dritt spettanti lil kull parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia prezenti, krediti parafernali u kull dritt iehor spettanti lil kull parti skond il-provi li ser jitressqu fil-kawza.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi bir-rikors odjern, l-attrici qed titlob li l-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet titwaqqaf, ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Bir-risposta tieghu, il-konvenut mhux qed jopponi din it-talba, u ghalhekk il-Qorti tista' tghaddi minnufih ghas-sentenza.

Illi in materja, il-Qrati taghna spiss esprimew il-hsieb taghhom fuq dan il-punt. Hekk, per ezempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Ryan Mallia vs Johanna Mallia", deciza fid-9 ta' Mejju, 2024, in linea preliminari qalet hekk:

> "...is-sentenza appellata tirreferi għall-futur u mhux għall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti eżistenti sad-data tal-ordni għall-waqfien» (ara Elizabeth Spiteri v. Carmelo Spiteri deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ottubru, 2019), u «l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi għall-futur u mhux għall-passat, b'mod li dak li setgħu għamlu ż-żewġ partijiet qabel id-data li fiha tkun ingħatat l-ordni ma jippreġudikax is-sehem tagħhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet għandhom id-dritt li jibqgħu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni eżistenti sa dik id-data, anke wara li tkun ingħatat l-ordni tal-waqfien» (ara Ronald Asciak v. Antonia Asciak deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Diċembru, 2019).
>
> Dan ifisser illi tista' ssir talba għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti quddiem il-qorti, fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda personali, u dan anke jekk ma jkunux għadhom inġabru xi provi dwar l-istess komunjoni. F'każ illi l-Qorti ma jkollhiex prova illi xi ħadd mill-partijiet ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat, hija għandha tgħaddi sabiex tilqa' tali talba. Madankollu dan kollu jsir mingħajr ebda preġudizzju lejn id-dritt tal-

partijiet li wara li tingħata s-sentenza, iressqu l-provi tagħhom dwar dak kollu li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti sal-ġurnata li din App. Ċiv.101/23/1 Paġna 10 minn 15 twaqqfet. Fil-fatt, mill-atti jirriżulta illi dakinhar stess li l-Ewwel Qorti tat is-sentenza appellata, hija ħatret lill-Avukata ... (bhala Assistent Gudizzjarju) sabiex f'sitt seduti tisma' l-provi kollha tal-partijiet dwar l-assi tagħhom li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti."

Dan qed jigi riprodott hawnhekk semplicement biex il-hsieb jkun car ghall-partijiet. Il-waqfien tal-komunjoni, fil-fehma tal-Qorti, ghandu zewg effetti ewlenin: fl-ewwel lok, il-preservazzjoni tal-komunjoni sad-data tas-sentenza, u fit-tieni lok, il-hall mill-irbit li kwalunkwe proprjeta' illi tinxtara mill-partijiet minn dik id-data 'il quddiem tifforma parti mill-komunjoni. Ghalhekk, b'din is-sentenza, il-partijiet effettivament qed jaqblu – ladarba ma hemmx opposizzjoni jew oggezzjoni – illi l-komunjoni tal-akkwisti giet ikkristallizzata sa din id-data, u millum 'il quddiem il-partijiet huma liberi li jakkwistaw proprjeta' ohra, sew mobbli kif ukoll immobbli, f'isimhom proprjo, minghajr ma parti jkollha sehem minn dik il-proprjeta' hekk mixtrija mill-parti l-ohra.

Tenut kont, ghalhekk, ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti eseistenti bejn il-partijiet.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQA' T-TALBIET TAR-RIKORRENTI.

i. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti sal-lum *in vigore* bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'effett mill-jum li din id-decizjoni tghaddi in gudikat;

ii. Tordna n-notifika tal-istess decizjoni lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u li tali decizjoni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet saret b'att pubbliku;

iii. Tordna li dak kollu li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti sad-data tal-ordni ghall-waqfien skond talba numru 'i' ghandu jibqa' impregudikat sabiex jigi deciz, likwidat u assenjat minn din l-Onorabbli Qorti fid-decizjoni finali taghha wara l-gbir tal-provi kollha rimanenti fil-proceduri principali ta' separazzjoni tal-partijiet hekk kif surreferiti.

**Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.**

**Imhallef** | **Cettina Gauci DEP REG**

**Onor Anthony G Vella**